MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CLAIRE-LOUISE STAFRACE

Seduta tas-27 ta' Novembru, 2010

Numru. 1266/2010

**Il-Pulizija**
**[Spettur Robert Vella]**

**vs**

**Mark Spiteri**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Mark Spiteri detentur tal-karta tal-identita` numru 195980(M).

Akkuzat talli:

1. Nhar is-26 ta' Novembru 2010, ghall-habta tas-07.30 hrs gewwa r-residenza numru 58, Dar il-Gawhra, Triq San Trofimu, Rabat, Malta, minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' haddiehor f'periklu car, ikkaguna hsara fil-gisem jew fis-sahha, u cioe` offiza ta' natura gravi fil-gisem jew fis-sahha ta' missieru Joseph Spiteri ta' 63 sena, liema hsara tista' iggib debulizza permanenti fis-

sahha jew fil-funzjoni ta’ xi parti tal-gisem jew difett permanenti f’parti tal-ghamla tal-gisem jew inkella marda permanenti tal-mohh, u dan skont ma ccertifikat Dr. Christina Zerafa MD (Reg. No. 5357) mill-Isptar Mater Dei, Msida u dan bi ksur tal-Artikoli 214, 216, 222 u 222A tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

2. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, hebb ghal ommu Giovanna Spiteri ta’ 60 sena u kkaguna griehi ta’ natura hafifa hekk kif certifikat minn Dr Bassam Shamala MD (Med. Reg. No. 1661) mill-Isptar Mater Dei, Msida u dan u bi ksur tal-Artikolu 22(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

3. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi bl-imgieba tieghu kkaguna lil haddiehor jibza’ li ser tintuza kontrih jew kontra l-proprjeta` tieghu jew kontra l-persuna jew il-proprjeta` ta’ xi hadd mill-axxendenti, dixxendenti, ahwa subien jew bniet jew xi persuna msemmija fl-Artikolu 221(1) u dan bi ksur tal-Artikolu 251B tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta; u

4. U aktar talli fl-istess data ghall-habta ta’ 22:45 hrs gewwa dawn il-gzejjer ma obdiex l-ordnijiet legittimi tal-Pulizija jew ma hallewx jew fixklu waqt li kienu jaghmlu d-dmirijiet taghhom, jew b’xi mod bla jedd indahhlu fl-istess dmirijiet billi ma hallewx lill-membri tal-Korp tal-Pulizija jaghmlu dak li b’ligi kienu ordnati li jaghmlu u billi hassru jew gabu fix-xejn dak li l-membri tal-Korp tal-Pulizija kienu ghamlu u dan bi ksur tal-Artikolu 338(ee) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat id-dokumenti;

Semghet il-provi; u

Rat l-artikoli indikati; u cioe` l-Artikoli 214, 216, 222, 222A, 221(1), 251B u 338(ee) tal-Kap. 9 tal-Ligijiett ta’ Malta.

Stante ammissjoni u konferma ta’ tali ammissjoni mill-imputat Mark Sptieri wara li nghata z-zmien opportun mill-

Qorti sabiex ikun jista’ jirregola ruhu, issib lill-istess hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih u tikkundannah seba’ (7) xhur prigunerija li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28G tal-Kap. 9 tal-Ligijiet Malta qed jigu sospizi ghal perjodu ta’ tmintax-il (18) xahar b’dan illi ghandha titqabbad persuna mid-Dipartiment tal-Probation Services li ghandha tizgrua illi l-imputat jattendi ghal sessjonijiet ta’ *anger management.*

Finalment spjegat fi kliem semplici r-riperkussjonijiet jekk din l-ordni ma tigix obduta u tordna li kopja tal-Ordni ta’ Supervizjoni tigi annessa mal-odjerna sentenza u tigi komunikata lid-Direttur tal-Probation Services.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------